# FIL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)**

**Illum 15 ta' Settembru 2022**

Appell numru 1273/2014

**Il-Pulizija**
**vs.**
**Annabelle CAMILLERI (MONREAL)**

Il-Qorti rat is-segwenti:

## A. L-IMPUTAZZJONIJIET

1. Dan huwa appell minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar it-28 ta' Jannar 2021 fil-konfront ta' Annabelle Camilleri (Monreal) detentriċi tal-karta tal-identita' bin-numru 311185M li ġiet mixlija talli:

i) Fil-Gżejjer Maltin f'Awwissu 2014 u fil-jiem u x-xhur ta' wara, b'mezzi kontra l-liġi, jew billi għamlet użu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz jew billi nqdiet b'qerq ieħor, ingann jew billi wriet ħaġa b'oħra sabiex iġġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor jew ta' krediti immaġinarji jew sabiex tqanqal tama jew biża dwar xi ġrajja kimerika, għamlet qliegħ ta' Ewro 850 bi ħsara ta' Shallas Mercieca u dan bi ksur tal-Artikolu 308 tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

ii) Talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, bi ħsara ta' Shallas Mercieca għamlet xi qliegħ ieħor ta' Ewro 850 b'qerq mhux imsemmi fl-artikoli qabel ta' dan is-sub-titolu u dan bi ksur tal-Artikolu 309, 310(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

iii) U aktar talli fl-istess żmien, lok u ċirkostanzi approprjat ruħa billi dawwret bi profitt għaliha jew għal persuna oħra, minn ħaġa ta' ħaddieħor li kienet ġiet fdata jew ikkunsinnata lilha taħt titolu li jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat u ċjoe s-somma ta' Ewro 850 għad-detriment ta' Shallas Mercieca ai termini tal-Artikolu 293 u 294 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

iv) U aktar talli fl-istess żmien, lok u ċirkostanzi wetqet reat waqt perjodu operativ ta' sentenza sospiża mogħtija nhar it-2 ta' Diċembru 2013 mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta);

v) U aktar talli fl-istess żmien, lok u ċirkostanzi kisret il-kundizzjonijiet marbuta mal-liberta' kundizzjonata mogħtija lilha nhar l-24 ta' Ġunju 2014 mill-Qorti tal-Maġisrati (Għawdex);

vi) Il-Qorti ġiet mitluba wkoll tikkonsidra lill-imputata bħala reċidiva fis-sensi tal-artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali;

vii) Il-Prosekuzzjoni talbet ukoll lil Qorti sabiex tikkundanna lill-imputata tħallas l-ispejjeż inkorsi in konnessjoni mal-ħatra tal-esperti.

## B. IS-SENTENZA APPELLATA

2. Permezz tas-sentenza aktar 'il fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali sabet lill-imputata ħatja tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tagħha u wara li rat l-artikoli 7, 8, 17, 28F, 31, 49, 50, 293, 308, 310(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali ikkundannatha għal perjodu ta' sentejn priġunerija effettiva. Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ordnat ukoll lill-imputata għall-ħlas tal-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti fl-ammont ta' Ewro 970.76.

## C. L-APPELL INTERPOST

3. Illi CAMILLERI (MONREAL) appellat minn din is-sentenza fejn talbet lil din il-Qorti sabiex tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata fejn sabet lill-appellanta ħatja tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tagħha u minflok tiddikjaraha mhux ħatja tagħhom u konsegwentement tilliberaha minnhom u fin-nuqqas ta' dan, f'każ li din il-Qorti tikkonferma l-ħtija, tgħaddi sabiex tirriformaha f'dik il-parti konċernanti piena u dan billi timponi piena aktar ekwa u ġusta fiċ-ċirkostanzi tal-każ u dan wara li stqarret is-segwenti (in suċċint):

i) L-ewwel aggravju jitratta l-inammissibilita' tal-istqarrija tal-appellanta rrilaxxjata nhar l-20 ta' Diċembru 2014 stante li l-appellanta ma ngħatatx id-dritt għall-assistenza legali waqt l-interrogazzjoni mill-Pulizija;

ii) It-tieni aggravju jitratta l-apprezzament żbaljat tal-provi mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fir-rigward ta' sejbien ta' ħtija għar-reat ta' truffa (l-ewwel imputazzjoni), ir-reat ta' frodi nnominata (it-tieni imputazzjoni), ir-reat ta' appropjrazzjoni indebita (it-tielet imputazzjoni), u r-reċediva. Illi wkoll, għal dak li jirrigwarda l-ħames imputazzjoni, ma hemm xejn x'juri bħala prova li din is-sentenza kienet waħda li ma ġietx appellata u għaldaqstant għaddiet in ġudikat iktar u iktar in vista tal-fatt illi r-Reġistratur ma ttellgħet qatt sabeix tikkonferma dan il-fatt bil-ġurament;

iii) It-tielet aggravju jitratta l-piena erogata in kwantu din kienet eċċessiva u l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ma tatx biżżejjed piż il-fatt li l-appellanta kienet informat lill-Qorti li hija kienet ħalset lill parte leża dak kollu dovut lejha mingħajr preġudizzju għall-ħtija o meno.

## D. IL-KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI

4. Is-sentenza appellata hija nulla.

5. Ġurisprudenza paċifika teħtieġ li f'każ li Qorti ta' Ġustizzja Kriminali ssib kontra l-imputat jew akkużat, id-dikjarazzjoni ta' ħtija fil-konfront tal-ħati għandha tkun waħda ċara u li ma tħalli l-ebda dubju f'moħħ il-ħati tar-reat jew reati li tagħhom huwa jkun ġie misjub ħati.

6. Il-Liġi ma tippermettix inkonsistenzi fis-sentenza li tingħata fil-konfront tal-ħati meta dawn l-inkonsistenzi jkunu t'entita tali li jolqtu l-integrita', s-sikurezza u ċ-ċertezza tal-ġudizzju.

7. Meta l-imputat jew akkużat ikun mixli b'iżjed minn reat wieħed, is-sentenza kundannatorja għandha tkun minnha nnifisha ċara biżżejjed fid-decide tagħha dwar liema reat jew reati l-akkużat ikun ġie misjub ħati u dwar liema reat jew reati huwa jkun ġie meħlus mill-ħtija.

8. Il-motivazzjonijiet tas-sentenza u d-dispositiv tas-sentenza jridu jinqraw flimkien b'mod li jagħmlu sens. Il-motivazzjonijiet iridu jiġu riflessi fid-dispositiv tas-sentenza. Skont l-Imħallef William Harding fis-sentenza mogħtija nhar is-27 t'Ottubru 1962 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Wiġi Azzopardi**, fil-każ li f'ċerti:

> kontinġenzi d-dispositiv tas-sentenza jkun talment inxiddibilment marbut mal-motivazzjoni li jekk b'xi mod ikun dubbjuż għandu jieħu sens minnha... u kwindi hu

loġiku, di fronti għat-termini ċari tal-paragrafu immedjatament preċedenti għad-dispożittiv, li dan, fid-dubju, jiġi interpretat skont il-motivazzjoni, anke għat-tenur tal-massima "in poenalibus benignius interpretandum est".

9. Iżda ġieli jiġri li l-motivazzjonijet tas-sentenza ma jkunux jaqblu mal-parti dispositiva. F'dan il-każ:

> In caso di incompatibilita' tra dispositivo e motivazione, la giurisprudenza ritiene prevalente quanto stabilito nel dispositivo, essendo il primo atto attraverso il quale le parti vengono a conoscenza del decisum. Sul punto, e' stato inoltre evidenziato che mentre il dispositivo e' l'atto con cui si estrinseca la volonta' della legga nel caso concreto, la motivazione he esclusivamente una funzione strumentale (Cass. Pen., 20.5.2008, n.25530, in CED rv. N. 240649).[1]

10. Dak li jorbot għalhekk huwa d-dispositiv tas-sentenza. Huwa d-dispositiv li jrid jirrifletti eżattament dak il-ġudizzju li l-Qorti tal-Maġistrati tkun trid tesprimi fir-rigward tas-sejbien ta' ħtija o meno tal-ġudikabbli. Id-dispositiv irid ikun ċar, komplut u mingħajr żbalji.

11. Biex ikun ritenut bħala tali, d-dispositiv ma jistax ikun fih kontradizzjonijiet jew inkonsistenzi legali li minħabba fihom il-ġudizzju ma jkunx jista' jitqies legalment sostenibbli. Hekk per eżempju fejn fuq fatt ġuridiku wieħed, persuna tiġi misjuba ħatja ta' diversi reati li jkunu imputati bħala alternattivi għal xulxin jew li minn natura tagħhom ikunu alternattivi għall-xulxin, u fejn il-fattispecie tal-każ ma jkunux jippermettu li tinstab ħtija ta' dawn ir-reati, tali sentenza ma tkunx tista' titqies li hija legalment sostenibbli. U dan japplika b'mod partikolari fejn l-elementi formali jew materjali ta' dawn ir-reati ma jkunux kompatibbli ma xulxin jew saħansitra jkunu jeskludu wieħed lill-ieħor.

12. F'dan il-każ, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) sabet lill-imputata appellanta ħatja **<u>tal-imputazzjonijiet kollha</u>** miġjuba kontra tagħha ċjoe truffa, frode innominata u approprjazzjoni indebita simultaneament u inkondizzjonatament, minkejja li f'dan il-każ ġie preżentat fatt ġuridiku waħdieni.[2] Din il-Qorti ma tistax tqis li din il-forma ta' sejbien ta' ħtija hija legalment sostenibbli jew b'xi mod sanabbli minnha. Dan għar-raġunijiet segwenti.

---

[1] https://www.treccani.it/enciclopedia/struttura-della-sentenza_%28Diritto-on-line%29/ aċċessata fit-22 t'Awissu 2022

[2] Meta l-appellanta allegatament offriet għall-kiri lil parte civile fond li hija kkonvinċiet lil parte civile li kien tagħha u li setgħa jinkera minnha, meta fil-fatt dan il-fond kien ittieħed mingħandha bil-proċedura tas-subbasta, u fejn hi allura mhux biss ma setgħetx tikrih iżda wisq anqas tidħol f'kuntratti ta' lokazzjoni jew simili u saħansitra tirċievi flejjes bi ħlas għall-istess.

13. Mhux eskluż mill-Liġi li f'ċirkostanzi fejn il-fatti tal-każ jippermettu, persuna tirrendi ruħha responsabbli tar-reati ta' truffa, frode innominate u approprjazzjoni indebita kontemporanjament. Iżda dan ikun jista' jseħħ fejn l-awtur tar-reati jkun ikkommetta fatti speċifiċi f'kuntest spazjo-temporali tali li, meta jkunu meqjusa b'mod individwali, dawn il-fatti jkunu jistgħu jissodisfaw l-elementi ta' dawk ir-reati speċifiċi. Iżda fejn ikun hemm fatt ġuridiku wieħed biss, l-integrazzjoni ta' dawn ir-reati kollha f'daqqa, unico contextu, issir impossibbli.

14. Dawn it-tliet reati fihom distinzjonijiet importanti bejniethom. Bejn it-truffa u l-frode innominata hemm rabta ġuridika importanti li pero ssib distinzjoni fl-actus reus. Mill-banda l-oħra bejn ir-reat ta' truffa u frode innominata fuq naħa u r-reat tal-approprjazzjoni indebita fuq l-oħra hemm distinzjoni iżda markata minn hekk.

15. Kwantu għad-distinzjoni bejn ir-reat ta' truffa u l-frode innominata l-appell kriminali **Il-Pulizija vs. Omissis, Omar Caruana u Omissis** deċiż nhar l-14 ta' Lulju 2020 jistqarr li:

> Din il-Qorti sejra taghmel referenza ghal gurisprudenza dwar l-artikoli 308 u 309 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija [Spettur Maurice Curmi] vs Anthony Fountain u Stephen k/a Steve Abela'** gie kkunsidrat:
>
> 'Illi d-differenza bejn r-reati ipotizzati f'l-artikoli 308 u 309 tal-Kodici Kriminali, kif ukoll l-elementi rikjesti biex jissussistu dawn ir-reati, hija ben stabbilita fil-gurisprudenza taghna. Fil-Ligi taghna biex ikun hemm it-truffa jew il-frodi innominata irid ikun gie perpetrat mill-agent xi forma ta' ingann jew qerq, liema ingann jew qerq ikun wassal lill-vittma sabiex taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-konsegwenti qligh ghall-agent ... jekk l-ingann jew qerq ikun jikkonsisti f'raggiri jew artifizi - dak li fid-dottrina jissejjah ukoll mis en scene - ikun hemm it-truffa; jekk le ikun hemm hemm ir-reat minuri ta' frodi innominata (jew lukru frawdolenti innominat)

16. Il-ġurisprudenza ammettiet ukoll il-kunċett li l-frode innominata jista' jitqies bħala reat minuri iżda kompriż jew involut fir-reat ta' truffa. Fl-appell kriminali **Il-Pulizija vs. George Manicolo** deċiż nhar il-31 ta' Lulju 1998 intqal li l-frode innominata huwa kompriż u involut fit-truffa in kwantu l-elementi li jikkostitwixxu l-frode innominata huma komuni mat-truffa. L-istess kien ġie deċiż fl-appell kriminali **Il-Pulizija vs. Anthony Francis Willoughby** nhar it-12 ta' Frar 1999 fejn allura kien intqal li jekk l-ingann jew il-qerq ikun jikkonsisti f'raġġiri jew artifizji allura jiġi integrat ir-reat ta' truffa; jekk le, allura

jkun hemm ir-reat minuri ta' frode innominata. Din id-distinzjoni toħroġ ukoll b'mod ċar mill-appell kriminali **Il-Pulizija vs. Carmela German**:

> In tema legali gie ritenut minn din il-Qorti fis-sentenza taghha tat-12 ta' Frar, 1999 fl-ismijiet Il-Pulizija v. Anthony Francis Willoughby li:
>
> "Fil-ligi taghna biex ikun hemm it-truffa jew il-frodi innominata irid ikun gie perpetrat mill-agent xi forma ta' ingann jew qerq, liema ingann jew qerq ikun wassal lill-vittma sabiex taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf partimonjali bil-konsegwenti qligh ghall-agent (Il-Pulizija v. Emmanuele Ellul, App. Krim., 20/6/97; ara wkoll Il-Pulizija v. Daniel Frendo, App. Krim., 25/3/94). Dan it-telf hafna drabi jkun jikkonsisti filli l-vittma, proprju ghax tkun giet ingannata, volontarjament taghti xi haga lill-agent (Il-Pulizija v. Carmel Cassar Parnis, App. Krim., 12/12/59, Vol. XLIII.iv.1140). Jekk l-ingann jew qerq ikun jikkonsisti f'"raggiri o artifizi" – dak li fid-dottrina jissejjah ukoll mise en scene – ikun hemm it-truffa; jekk le, ikun hemm irreat minuri ta' frodi innominata (jew lukru frawdolent innominat) (ara, fost ohrajn, Il-Pulizija v. Carmelo Cassar Parnis, App. Krim., 31/10/59, Vol. XLIII.iv.1137; Il-Pulizija v. Francesca Caruana, App. Krim., 25/7/53, Vol. XXXVII.iv.1127; ara wkoll Il-Pulizija v. Giuseppe Schrainer, App. Krim., 3/3/56)."

17. Il-formula regolanti r-reat ritenut kompriż u involut tinsab fl-artikolu 467 tal-Kodiċi Kriminali, u li huwa applikabbli mutatis mutandis, għal proċeduri quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, bis-saħħa tal-artikolu 525(3) tal-Kodiċi Kriminali – li jgħid li:

> (1) Il-ġuri, meta jiġi biex jiddelibera, għandu jara, l-ewwelnett, jekk l-akkużat hux ħati tar-reat miġjub kontra tiegħu fl-att tal-akkuża, biċ-ċirkostanzi aggravanti kollha, jekk ikun hemm, u li jkunu msemmijin f'dak l-att; u, jekk il-ġuri jkun ta' fehma li dinil-ħtija ġiet ippruvata, għandu, bil-mod li jingħad flartikoli 468 u 469, isib l-akkużat "ħati".
>
> (4) Meta ma jiġix ippruvat ir-reat kif miġjub fl-att tal-akkuża, iżda mis-smigħ tal-kawża jinsab jew li sar l-istess reat imma ta' xorta anqas aggravanti jew reat iżgħar inkella attentat biss, basta li dawn ikunu kompriżi jew involuti f'xi parti tal-att tal-akkuża, il-ġuri jista' jew jeskludi ċ-ċirkostanzi aggravanti jew iżid dawk iċ-ċirkostanzi li jagħmlu r-reat ta' xorta anqas aggravanti, jew isib l-akkużat ħati ta' reat iżgħar jew ta' attentat, inkella tal- fatti li jagħmlu dak ir-reat iżgħar jew l-attentat, skont ma jkun il-każ. Il-ġuri jista' jagħti l-verdett tiegħu billi jgħid "ħati mingħajr iċ-ċirkostanza jew iċ-ċirkostanzi ta'...........", u jsemmi ċ-ċirkostanza jew iċ-ċirkostanzi li jkun irid jeskludi; inkella, "ħati biċ-ċirkostanza jew biċ-ċirkostanzi ta'...........", u jsemmi ċ-ċirkostanza jew iċ-ċirkostanzi li jagħmlu r-reat ta' xorta anqas aggravanti; inkella, "ħati, iżda biss ta'.......... ...", u jsemmi r-reat jew l-attentat (jew il-fatti li jagħmlu dan ir-reat jew attentat) li fuqu, kif jingħad hawn fuq, il-ġuri jista' jsib ħati lillakkużat.

(5) Jekk il-ġuri jkun ta' fehma li l-akkużat m'hu ħati f'ebda mod kif jingħad hawn fuq, għandu jsib l-akkużat "mhux ħati".

18. Meta ma jiġix ippruvat ir-reat prinċipali kif miġjub fl-att tal-akkuża, iżda mis-smigħ tal-kawża jinsab jew li sar l-istess reat imma ta' xorta anqas aggravanti jew reat iżgħar inkella attentat biss, basta li dawn ikunu kompriżi jew involuti f'xi parti tal-"att tal-akkuża", min jiġġudika l-fatti jista' jew jeskludi ċ-ċirkostanzi aggravanti jew iżid dawk iċ-ċirkostanzi li jagħmlu r-reat ta' xorta anqas aggravanti, jew isib l-imputat jew akkużat ħati ta' reat iżgħar jew ta' attentat, inkella tal-fatti li jagħmlu dak ir-reat iżgħar jew l-attentat, skont ma jkun il-każ.

19. Jekk il-Prosekuzzjoni tkun pruvat l-imputazzjoni jew l-akkuża prinċipali tagħha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni, min jiġġudika l-fatti għandu d-dmir li jsib il-ħtija tal-akkużat għall-akkuża miġjuba kontrih u li jgħid li qiegħed isib il-ħtija fir-rigward ta' dak ir-reat – mingħajr pero ma joqgħod jinkludi wkoll is-sejbien ta' ħtija ta' dawk ir-reati l-oħra li jkunu ritenibbli kompriżi jew involuti fih, sakemm ma jkunx hemm fatti ġuridiċi separati u distinti minn dawk li jwaslu għas-sejbien ta' ħtija tar-reat prinċipali, u li in bażi tagħhom min jiġġudika l-fatti jista' jsib ukoll ħtija kontestwali għal dak ir-reat.

20. Jekk imbagħad min jiġġudika l-fatti ma jsibx li jkun ġie pruvat b'sikurezza legali ir-reat prinċipali, iżda jkun sodisfatt b'sikurezza legali li jkun ġie integrat "reat iżgħar" "inkella attentat biss", dment li r-"reat iżgħar" jew l-"attentat" ikunu kompriżi jew involuti f'xi parti tal-imputazzjoni għar-reat prinċipali, allura min irid jiġġudika l-fatti jista' jsib il-ħtija fl-imputat jew akkużat ta' dak ir-"reat iżgħar" jew tal-"attentat" jew tal-fatti li jagħmlu dak ir-reat iżgħar jew l-attentat skont il-każ.

21. Mil-lokuzzjoni ta' din il-Liġi jirriżulta li – fil-każ fejn ikun hemm biss fatt ġuridiku waħdieni li minnu jitnisslu r-reati de quo - min għandu jiġġudika l-fatti jista' jsib ħtija fl-imputat jew akkużat tar-"reat iżgħar" jew inkella "attentat" biss jekk ma jkunx sodisfatt lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li jkun ġie mwettaq ir-reat prinċipali kontestat fl-imputazzjonijiet jew fl-akkuża, li, stando ma dak mistqarr mill-Liġi, jrid ikun reat "akbar" – ossija ta' serjeta legali maġġuri minn dak ir-reat li jista' jiġi meqjus bħala kompriż jew involut fih.

22. Illi għalkemm il-ġurisprudenza qieset li l-frode innominata huwa reat kompriż u involut f'dak tat-truffa, ma jfissirx li pero l-liġi

stess ma tipotizzahomx <u>ukoll</u> bħala reati alternattivi għal dawk li jinsabu fis-Subtitolu III "Fuq il-Frodi". Dan, wara kollox, joħroġ mid-diċitura tal-Liġi li toħloq ir-reat ta' frode innominata fejn l-Artikolu 309 tal-Kodiċi Kriminali jsemmi biċ-ċar li s-sejbien ta' ħtija taħt dan l-artikolu jista' biss jitqies integrat fil-każ fejn xi persuna tkun, bi ħsara ta' ħaddieħor, għamlet xi qligħ **<u>ieħor</u>** b'qerq, **<u>mhux imsemmi fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-Sub-titolu</u>.**[3] Issa kemm ir-reat ta' approprjazzjoni indebita, kif ukoll dawk ta' truffa u frode innominata jinsabu fl-istess Sub-Titolu III intitolat "Fuq il-Frodi" u li lkoll allura jaqgħu taħt it-Titolu IX intitolat "Fuq id-Delitti kontra l-Proprjeta u s-Sigurta' Pubblika". Dan ifisser li jekk il-qligħ b'qerq ikun pruvat li jkun sar b'xi mezz imsemmi fl-artikoli ta' qabel l-artikolu 309 tal-Kodiċi Kriminali dwar il-frode innominata, allura r-reita' tiskaturixxi minn dawk l-artikoli ta' qabel li taħthom il-qligħ b'qerq ikun pruvat li jkun seħħ: approprjazzjoni jew truffa jew xi reat ieħor skont il-każ. U f'każ fejn allura jkun sar qligħ **<u>ieħor,</u>** bi ħsara ta' ħaddieħor, iżda mhux b'mod imsemmi fl-artikoli ta' qabel l-artikolu 309 tal-Kodiċi Kriminali, f'dak il-każ tkun tista' tiġi integrata r-reita taħt l-artikolu 309 tal-Kodiċi Kriminali konsistenti fi frode innominata.

23. F'każ fejn ikun hemm fatt ġuridiku wieħed, u r-reati ta' approprjazzjoni indebita, truffa u frode innominata jkunu ġew kontestati b'mod alternattiv għal xulxin, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tkun trid l-ewwel tikkonsidra jekk il-provi jintegrawx ir-reat ta' approprjazzjoni indebita jew truffa. Jekk issib ħtija tal-approprjazzjoni indebita, il-Qorti tkun trid tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tar-reati l-oħra ta' truffa u frode innominata. Jekk mill-banda l-oħra ssib ħtija fir-reat ta' truffa, tkun trid issib ħtija fir-reat ta' truffa iżda tastjeni milli tieħu konjizzjoni tar-reati t'approprjazzjoni indebita u frode innominata kontestati. Jekk il-Qorti ma ssibx li l-Prosekuzzjoni tkun pruvat lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni l-elementi tal-approprjazzjoni indebita jew it-truffa, iżda ssib li persuna tkun, bi ħsara ta' ħaddieħor, għamlet qliegħ ieħor b'qerq, allura tkun tista' ssib ħtija għar-reat ta' frode innominata filwaqt li tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tar-reati l-oħra.

24. Dan jingħad in bażi għall-ġurisprudenza li tisħaq, f'kuntest ta' imputazzjonijiet naxxenti minn fatt ġuridiku waħdieni:

(a) dwar il-formula tal-astensjoni fil-każ ta' imputazzjonijiet mixlija b'mod alternattiv; u

[3] Enfasi ta' din il-Qorti.

(b) l-inkompatibilita ġuridika bejn ir-reati ta' truffa u frode innominata fuq naħa u dak tal-approprjazzjoni indebita fuq l-oħra.

25. Fl-appell kriminali **Il-Pulizija vs. Mary Vella** deċiż nhar l-1 ta' Frar 2002 fejn ingħad:

> Din il-Qorti tosserva wkoll li l-ewwel qorti, fir-rigward tat-tieni imputazzjoni, waslet ghall-konkluzzjoni li din it-tieni imputazzjoni kienet alternattiva ghallewwel wahda, u ghaddiet biex tillibera lill-appellanti (allura imputata) minn din it-tieni imputazzjoni. Ghal kull buon fini din il-Qorti sejra ttenni dak li diga nghad f'diversi sentenzi u cioe` li meta l-imputazzjonijiet jew akkuzi jkunu alternattivi, qorti ta' prim' istanza li ssib htija dwar imputazzjoni jew akkuza minnhom ghandha mhux tillibera mill-imputazzjoni jew akkuza alternattiva izda tastjeni milli tiehu konjizzjoni aktar taghha, u dan sabiex b'hekk qorti ta' appell ma tigix prekluza milli tiddeciedi bil-kontra (fir-rigward ta' dawk limputazzjonijiet jew akkuzi alternattivi) fl-assenza ta' appell minn naha talprosekuzzjoni – ara f'dan is-sens Il-Pulizija v. Carmelo Ciantar App. Krim. 18/9/1996, Il-Pulizija v. Carmel Debono App. Krim. 1/11/1996, u Il-Pulizija v. Paul Abdilla u Alfred Oliva App. Krim. 20/11/2000.

26. Mill-banda l-oħra, fl-appell kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Abdoul Moumine Abdoulaye Maiga** deċiż nhar l-14 ta' Diċembru 2017 intqal**:**

> Illi fil-fatt fid-decizjoni Il-Pulizija vs Edwin Petroni et iccitata superjorment mil-Ewwel Qorti hemm mghallem illi: "Ir-reat ta' approprjazzjoni indebita jiddistinwgi ruhu …. ukoll mit-truffa ghax id-detentur tal-haga ma jigix ingannat permezz ta' raggiri jew artifizji biex jitlaq minn idejh dik il-haga favur l-agent." "L-element partikolari tar-reat ta' approprjazzjoni indebita mhuwiex l-uzu ta' l-ingann da parti ta' l-agent biex jottjeni l-oggett, izda l-inversjoni tat-titolu tal-pussess tal-haga li l-agent ikun ottjena minghand is-suggett passiv bil-libera volonta' ta' dan. Fl-approprjazzjoni indebita ma jezisti ebda element ta' frodi fis-sens li fl-approprjazzjoni indebita m'hemmx l-element ta' fiducja li essenzjalment jiffacilita tali reat." "**Ir-reat ta' truffa jiddistingwi ruhu essenzjalment minn dak ta' approprjazzjoni indebita, in kwantu fl-ewwel ipotesi l-pussess tal-oggett li minnu jsir profitt indebitu jigi ottenut bhala rizultat ta' ngann adoperat mil-konsenjatarju, mentri fl-ipotesi l-ohra dak il-pussess ikun gie konsegwit mill-konsenjatarju legittimament, cjoe' minghajr ingann[4].** Fit-truffa l-ligi riedet timpedixxi l-inganni ghat-trasferiment ta' oggett biex isir profitt indebitu minnu; fl-approprjazzjoni ndebita l-ligi riedet tevita li min ikollu legittimament haga ta' haddiehor ma jabbuzax mill-fiducja lilu moghtija u jiddisponi minnha bhala tieghu. Ghalkemm minhabba f'din id-distinzjoni, l-approprjazzjoni ndebita hija kunsidrata mill-ligi anqas gravi mit-truffa, iz-zewg reati ghandhom bhala karatteristika principali l-lezjoni tad-

[4] Enfasi ta' din il-Qorti

> dritt tal-proprjeta', jew dritt iehor reali, minghajr il-vjolazzjoni tal-pussess; u huma t-tnejn talvolta maghrufa fid-dottrina bhala "furto improprio."

27. Dan allura juri li fl-istess fatt ġuridiku ma jistax ikun hemm reita kontemporanja kemm għal truffa jew frode innominata kif ukoll ta' approprjazzjoni indebita. Jekk il-flus jew oġġetti jkunu għaddew mingħand is-suġġett passiv għand is-suġġett attiv bil-mezz tal-ingann jista' jkun hemm truffa jew frode innominata, iżda mhux ukoll approprjazzjoni indebita; u dan peress li l-passaġġ tal-flus jew oġġetti oħra, għall-fini tal-integrazzjoni tal-approprjazzjoni indebita, jridu jkunu għaddew mingħajr l-ingann. F'dan is-sens allura l-eżistenza tat-truffa jew frode innominata teskludi l-approprjazzjoni indebita u vice versa in kwantu f'dak is-sens ma humiex legalment kompatibbli.

28. F'dan il-każ, il-formola adoperata mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fid-deċide tagħha, ma għamlitx distinzjoni bejn dawn ir-reati. Testwalment id-decide jaqra hekk:

> Għal dawn il-motivi il-Qorti wara li rat l-Artikoli 7, 8, 17, 28F, 31, 49, 50, 293, 308, 310(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta qiegħda ssib **lill-imputata ħatja ta' l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tagħha** u qiegħda tikkundannaha għal perjodu ta' sentejn (2) priġunerija effettiva.

29. Din id-dikjarazzjoni turi li dak miktub mill-Qorti fid-deċide ma jaqbilx għal kollox ma dak li l-istess Qorti kitbet fil-motivazzjonijiet tagħha. Jekk fid-decide jingħad li sabet lill-imputata ħatja tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tagħha, hija kellha tispjega dak li jidher li kienet il-linja tal-ħsieb tagħha kif riflessa fil-motivazzjonijiet tas-sentenza relattivament għal liema minn dawk ir-reati kontestati lill-imputata kienet qegħda tinstab il-ħtija: f'dan il-każ, skontha, li ssib lill-imputata appellanta ħatja tar-reat ta' truffa iżda mhux dak tal-frode innominata. Ġaladarba l-Prosekuzzjoni għażlet li għall-istess fatt ġuridiku tixli lill-imputata kemm bir-reat ta' approprjazzjoni indebita, truffa kif ukoll dak tal-frode innominata, jekk il-Qorti kienet legalment konvinta li l-imputata integrat ir-reat ta' truffa, hija kellha tiddikjara li qed issib lill-imputata ħatja tar-reat ta' truffa filwaqt li tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tar-reat ta' frode innominata. Iżda dan ma għamlitux u minflok għażlet li tħalli barra l-artikolu 309 tal-Kodiċi Kriminali mid-dispositiv.

30. Iżda din mhix l-ikbar problema li ġiet maħluqa b'dan id-dispositiv. Trattandosi ta' fatt ġuridiku waħdieni, il-Qorti tal-Maġistrati ma setgħetx kontemporanjament issib lill-imputata

appellanta ħatja kemm tar-reat ta' truffa **kif ukoll** tal-approprjazzjoni indebita. Dan qiegħed jiġi deżunt mill-fatt li l-formula tad-dikjarazzjoni ta' ħtija kienet qiegħda ssir għar-reat **kollha** imputati lill-imputata appellanta. Huwa minnu li fil-motivazzjonijiet li għamlet il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) f'paġna 11 tas-sentenza[5] hija turi kienet sejra ssib ħtija għar-reat ta' truffa.

31. Biss dan ma ġiex rifless kemm fid-dispositiv kif ukoll fil-kumplament tal-motivazzjonijiet stante li fid-dispositiv tagħmel riferenza wkoll għall-artikolu 293 tal-Kodiċi Kriminali (li jindika li allura l-Qorti kienet qegħda ssib ħtija wkoll fir-reat tal-approprjazzjoni indebita). Dan huwa wkoll konfermat mill-motivazzjonijiet tal-istess sentenza a fol 493.

32. Fil-fehma ta' din il-Qorti dan mhux legalment sostenibbli meta trattasi ta' fatt ġuridiku waħdieni. Dan wassal għal forma ta' ħtija indistingwibbli li tirrendi d-dispositiv tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kontradittorju u legalment insostenibbli li jirrendi tali sentenza nulla.

# Deċide

Għaldaqstant, għall-motivi premessi, il-Qorti qiegħda tiddikjara s-sentenza appellata nulla u b'applikazzjoni tal-Artikolu 428 tal-Kodiċi Kriminali, sabiex ma tipprivax lill-partijiet mill-benefiċċju tad-doppio esame, il-Qorti qiegħda tibgħat l-atti proċesswali lura lill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) sabiex tiddeċiedi din il-kawża skont il-Liġi.

**Aaron M. Bugeja**
**Imħallef**

[5] Test riprodott: ''Il-Qorti għalhekk hija konvinta illi l-akkuża skond Artikolu 308 ġiet ippruvata sal-grad rikjest mil-Liġi fil-konfront tal-imputata Annabelle Camilleri Monreal u mhux ir-reat minuri ravviżat bl-Artikolu 309.''